11.5.2016

B8-0594/2016 }
B8-0596/2016 }
B8-0597/2016 }
B8-0599/2016 }
B8-0601/2016 }
B8-0603/2016 } RC1/Am. 3

**Emenda 3**

**Mariya Gabriel, Davor Ivo Stier**
f'isem il-Grupp PPE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ECR, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE, EFDD**
Djibouti

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jikkundanna bil-qawwa l-istupri ***mwettqa*** minn suldati Djiboutani kontra persuni ċivili u rappurtati minn NGOs differenti, kif issottolinjaw il-każijiet tal-istrajk tal-ġuħ, u jistieden lill-awtoritajiet tal-Djibouti jwettqu investigazzjoni bir-reqqa dwar l-azzjonijiet tal-armata b'mod partikolari u biex tintemm l-impunità; jistieden lin-Nazzjonijiet Uniti jinvestigaw is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Djibouti, u b'mod speċjali s-sitwazzjoni tan-nisa fil-pajjiż; jesprimi s-solidarjetà qawwija tiegħu man-nisa Djiboutjani li qed jagħmlu strajk tal-ġuħ fi Franza u fil-Belġju; | 3. Jikkundanna bil-qawwa l-istupri ***allegatament imwettqa*** minn suldati Djiboutani kontra persuni ċivili u rappurtati minn NGOs differenti, kif issottolinjaw il-każijiet tal-istrajk tal-ġuħ, u jistieden lill-awtoritajiet tal-Djibouti jwettqu investigazzjoni bir-reqqa dwar l-azzjonijiet tal-armata b'mod partikolari u biex tintemm l-impunità; jistieden lin-Nazzjonijiet Uniti jinvestigaw is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Djibouti, u b'mod speċjali s-sitwazzjoni tan-nisa fil-pajjiż; jesprimi s-solidarjetà qawwija tiegħu man-nisa Djiboutjani li qed jagħmlu strajk tal-ġuħ fi Franza u fil-Belġju; |

Or. en

11.5.2016

B8-0594/2016 }
B8-0596/2016 }
B8-0597/2016 }
B8-0599/2016 }
B8-0601/2016 }
B8-0603/2016 } RC1/Am. 4

**Emenda 4**
**Mariya Gabriel, Davor Ivo Stier**
f'isem il-Grupp PPE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ECR, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE, EFDD**
Il-Djibouti

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jiddispjaċih dwar id-deċiżjoni tal-awtoritajiet Djiboutjani li ***jiksru l-ftehim tal-2014 dwar ir-riforma tal-kummissjoni elettorali*** u jħeġġiġhom biex jaħdmu mill-qrib mal-oppożizzjoni ħalli jipproduċu proċess elettorali iktar ġust u iktar trasparenti; | 5. Jiddispjaċih dwar id-deċiżjoni tal-awtoritajiet Djiboutjani li ***ma jirriformawx il-Kummissjoni Elettorali Nazzjonali kif previst mill-Ftehim Qafas iffirmat fit-30 ta' Diċembru 2014,*** u jħeġġiġhom biex jaħdmu mill-qrib mal-oppożizzjoni ħalli jipproduċu proċess elettorali iktar ġust u iktar trasparenti; |

Or. en

11.5.2016

B8-0594/2016 }
B8-0596/2016 }
B8-0597/2016 }
B8-0599/2016 }
B8-0601/2016 }
B8-0603/2016 } RC1/Am. 5

**Emenda 5**
**Mariya Gabriel, Davor Ivo Stier**
f'isem il-Grupp PPE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ECR, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE, EFDD**
Djibouti

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. ***Jitlob li jintemmu l-abbużi kontra ċ-ċivili fit-Tramuntana u l-Lbiċ tal-pajjiż, fejn qed iseħħu l-istupri, u jitlob li jintemm l-insedjament furzat ta' ċittadini li qed jintużaw bħala tarka madwar il-kampijiet tal-armata Djiboutjana f'Garabtissane, Margoita u Galela, li huma reġjuni fejn in-nisa Afar jinsabu taħt il-ħakma tal-armata;*** | 14. ***Jitlob l-awtoritajiet ċivili u militari biex jeżerċitaw trażżin massimu matul operazzjonijiet tal-pulizija u tal-armata fit-Tramuntana tal-pajjiż, u b'mod partikolari biex ma jużaw l-ebda tip ta' vjolenza kontra l-popolazzjonijiet ċivili u lanqas ma jutilizzaw dawn il-popolazzjonijiet bħala tarka madwar il-kampijiet militari;*** |

Or. en

11.5.2016

B8-0594/2016 }
B8-0596/2016 }
B8-0597/2016 }
B8-0599/2016 }
B8-0601/2016 }
B8-0603/2016 } RC1/Am. 6

**Emenda 6**
**Mariya Gabriel, Davor Ivo Stier**
f'isem il-Grupp PPE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ECR, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE, EFDD**
Djibouti

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi għaxar nisa Djiboutani bdew strajk tal-ġuħ f'Pariġi biex jitolbu inkjesta internazzjonali dwar l-istupru ta' nisa Djiboutani, b'erba minn dawn in-nisa fuq strajk jaffermaw li huma stess kienu stuprati, filwaqt li oħra, Fatou Ambassa, ta' 30 sena, għamlet sawma b'tifkira ta' kuġintha, Halima, li allegatament kienet stuprata minn diversi persuni fl-2003 u mietet fl-età ta' 16-il sena; billi tmienja minn dawn in-nisa komplew il-protesti tagħhom għal 19-il jum mill-25 ta' Marzu sat-12 ta' April 2016, u għaxra oħra għamlu bħalhom fi Brussel; billi l-awtoritajiet tal-Djibouti jikkontestaw l-allegazzjonijiet tagħhom; billi diversi nisa ttieħdu ostaġġi fil-konflitt bejn l-armata tal-Djibouti u ***l-FRUD***; billi l-Kumitat tan-Nisa Djiboutani (Comité des Femmes Djiboutiennes Contre le Viol et l'Impunité (COFEDVI)), li kien stabbilit fl-1993, irreġistra 246 każ ta' stupru mis-suldati miġbura minn madwar 20 ilment imressaq; | C. billi għaxar nisa Djiboutani bdew strajk tal-ġuħ f'Pariġi biex jitolbu inkjesta internazzjonali dwar l-istupru ta' nisa Djiboutani, b'erba minn dawn in-nisa fuq strajk jaffermaw li huma stess kienu stuprati, filwaqt li oħra, Fatou Ambassa, ta' 30 sena, għamlet sawma b'tifkira ta' kuġintha, Halima, li allegatament kienet stuprata minn diversi persuni fl-2003 u mietet fl-età ta' 16-il sena; billi tmienja minn dawn in-nisa komplew il-protesti tagħhom għal 19-il jum mill-25 ta' Marzu sat-12 ta' April 2016, u għaxra oħra għamlu bħalhom fi Brussel; billi l-awtoritajiet tal-Djibouti jikkontestaw l-allegazzjonijiet tagħhom; billi diversi nisa ttieħdu ostaġġi fil-konflitt bejn l-armata tal-Djibouti u ***l-FRUD-armé***; billi l-Kumitat tan-Nisa Djiboutani (Comité des Femmes Djiboutiennes Contre le Viol et l'Impunité (COFEDVI)), li kien stabbilit fl-1993, irreġistra 246 każ ta' stupru mis-suldati miġbura minn madwar 20 ilment imressaq; |

Or. en

11.5.2016

B8-0594/2016 }
B8-0596/2016 }
B8-0597/2016 }
B8-0599/2016 }
B8-0601/2016 }
B8-0603/2016 } RC1/Am. 7

**Emenda 7**
**Mariya Gabriel, Davor Ivo Stier**
f'isem il-Grupp PPE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ECR, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE, EFDD**
Djibouti

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa I**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| I. billi fl-2012, speċjalment ir-reġjun ta' Mablas ra mewġa ta' arresti arbitrarji ta' persuni suspettati bħala membri ***tal-FRUD***; | I. billi fl-2012, speċjalment ir-reġjun ta' Mablas ra mewġa ta' arresti arbitrarji ta' persuni suspettati bħala membri ***tal-FRUD-armé***; |

Or. en